DEĊIŻJONI (UE) 2020/1575 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' Ottubru 2020

dwar l-evalwazzjoni u s-segwitu ta' informazzjoni fir-rigward ta' ksur irrapportat permezz tal-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni fejn persuna kkonċernata tkun uffiċjal ta' livell għoli tal-BĊE (BĊE/2020/54)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.3 tiegħu,

Billi:

(1) Il-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dan l-aħħar ġiet imtejba fil-qafas tal-etika tal-BĊE ([1]). Informazzjoni dwar ksur irrapportat permezz tal-pjattaforma ta' rapportar interna stabbilita għal dan l-iskop mill-BĊE ("l-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni") tista' tikkonċerna lil uffiċjali ta' livell għoli tal-BĊE, jiġifieri, l-uffiċjali msemmija fl-Artikoli 1.1, 1.2 u 1.4 tal-Kodiċi tal-kondotta għal Uffiċjali ta' livell għoli tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]).

(2) Sabiex tkun effettiva, il-politika dwar l-iżvelar ta' informazzjoni tal-BĊE għandha tipprovdi għal evalwazzjoni u segwitu rigoruż fuq ir-rapporti kollha sottomessi permezz tal-għodda ta' rapportar ġdida. Dik l-evalwazzjoni u dak is-segwitu għandhom jitwettqu skont proċedura armonizzata taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità kompetenti nnominata.

(3) Huwa xieraq li tiġi speċifikata l-proċedura li għandha tapplika għall-evalwazzjoni u s-segwitu tal-informazzjoni dwar ksur irrapportat permezz tal-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni, meta rapport ikun jirreferi għal uffiċjal tal-BĊE ta' livell għoli bħala persuna li lilha jkun attribwit ksur jew li magħha tkun assoċjata dik il-persuna.

(4) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni bla xkiel tal-qafas imtejjeb u sabiex tiġi evitata inċertezza legali dwar l-evalwazzjoni u s-segwitu ta' informazzjoni dwar ksur irrapportat permezz tal-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni, meta rapport jirreferi għal uffiċjal tal-BĊE ta' livell għoli bħala persuna li lilha jkun attribwit ksur jew li magħha tkun assoċjata dik il-persuna, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Ħlief jekk ikun stipulat mod ieħor, it-termini użati f'din id-Deċiżjoni għandhom l-istess tifsira bħal dawk iddefiniti fil-qafas tal-etika tal-BĊE.

Artikolu 2

Awtorità kompetenti

Meta rapporti ta' informazzjoni dwar ksur irċevuti permezz tal-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni jkunu jirreferu għal uffiċjal ta' livell għoli tal-BĊE bħala persuna li lilha jkun attribwit ksur jew li magħha tkun assoċjata dik il-persuna, l-awtorità kompetenti biex tevalwa dawk ir-rapporti u biex tagħti feedback lill-informatur, u/jew biex issegwi fuq dawk ir-rapporti, għandha tkun:

(a) il-President; jew

(b) meta l-uffiċjal ta' livell għoli tal-BĊE msemmi fir-rapport ikun il-President, il-Viċi President.

([1]) Emenda għall-Qafas tal-Etika tal-BĊE (għadha mhux ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*)

([2]) Kodiċi ta' Kondotta għall-Uffiċjali ta' livell għoli tal-Bank Ċentrali Ewropew (2019/C 89/03) (ĠU C 89, 8.3.2019, p. 2).

Artikolu 3

Proċedura għall-evalwazzjoni u s-segwitu

1. Rapporti ta' informazzjoni dwar ksur irċevuti permezz tal-għodda għall-iżvelar ta' informazzjoni li jkunu jirreferu għal uffiċjal ta' livell għoli tal-BĊE bħala persuna li lilha jkun attribwit ksur jew li magħha tkun assoċjata dik il-persuna għandhom jiġu segwiti skont id-Deċiżjoni (UE) 2016/456 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/3) ([3]) meta dawk ir-rapporti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.

2. Meta r-rapporti ta' informazzjoni dwar ksur imsemmija fil-paragrafu 1 ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2016/456 (BĊE/2016/3), għandhom jiġu segwiti skont iċ-Ċirkolari Amministrattiva 01/2006 dwar inkjesti amministrattivi interni ([4]).

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti nnominata taħt l-Artikolu 2 tista':

(a) qabel ma tikkonkludi jekk l-informazzjoni irċevuta tiġġustifikax jew le inkjesta interna, tibgħat l-informazzjoni riċevuta lill-Kumitat tal-Etika tal-BĊE għall-parir tiegħu dwar il-kwistjoni;

(b) jekk huma jikkonkludu li l-informazzjoni irċevuta tiġġustifika inkjesta amministrattiva interna, tiddeċiedi, b'deroga mill-Artikolu 4(1) sa (4) taċ-Ċirkolari Amministrattiva 01/2006, li tiftaħ direttament inkjesta amministrattiva, u li tieħu d-deċiżjoni relevanti skont l-Artikolu 4(5) u (6) taċ-Ċirkolari Amministrattiva 01/2006, inkluża l-possibbiltà li l-awtorità kompetenti nnominata taħt l-Artikolu 2 tiddeċiedi eċċezzjonalment li twettaq l-inkjesta amministrattiva hija stess, filwaqt li tinnomina f'dan il-każ jew individwu jew inkella bord, b'senjorità adegwata, biex imexxi l-inkjesta.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' Ottubru 2020.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2016/456 tal-4 ta' Marzu 2016 dwar it-termini u l-kundizzjonijiet għal investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi tal-Bank Ċentrali Ewropew, fir-rigward tal-prevenzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u ta' kull attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (BĊE/2016/3) (ĠU L 79, 30.3.2016, p. 34).

([4]) Iċ-Ċirkolari Amministrattiva 01/2006 ġiet adottata fil-21 ta' Marzu 2006 u hija disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE.